Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur John Spiteri]

[Spettur Stephen Gulia]

vs

Jihane Bouchouk

Kamal Kamel Hamid

Kumpilazzjoni Numru: 623/21

Illum, 11 ta' Jannar, 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Jihane Bouchouk detentrici tal-karta tal-identita` numru 25091A u Kamal Kamel Hamid detentur tal-karta tal-identita` numru 306807L

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer f'xi zmien bejn it-30 ta' Novembru, 2020 u l-20 ta' Frar, 2021, b'diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

> Dolozament, bil-hsieb li fi proceduri kriminali jikkorrompu xhud u cioe lill-Chahnaz Abou Wafie ID:20436A rendew irwiehom komplici sabiex l-imsemmija xhud taghti xiehda falza u wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt billi kkomunikaw ma' l-imsemmija Chahnaz Abou Wafie ID:20436A liema korruzzjoni ta' xhud ma gietx esegwita minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mil-volonta taghhom, kif ukoll liema tentattiv ta' korruzzjoni ta' xhud sar bit-tweghid, offerta jew ghoti ta' xi vantagg mhux dovut sabiex tingieghel li tinghata xiehda falza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-vittma Chahnaz Abou Wafie ID:20436A u tal-familja taghha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Chahnaz Abou Wafie ID:20436A u tal-familja taghha, ai termini tal artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-Artikoli tal-Ligi cioe' l-Artikolu 102(b), 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati irregistraw ammissjoni u regghu kkonfermaw l-istess ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien bizzejjed sabiex jikkontemplaw id-dikjarazzjoni taghhom u li fehmu l-imputazzjoni kollha u l-piena li ggib tali imputazzjoni.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputati ghall-akkuza kif dedotta kontrihom u stante li l-fedina penali tal-imputati hija netta, il-Qorti qieghda issib lill-imputati Jihane Bouchouk u Kamal Kamel Hamid hatja tal-akkuza kif dedotta kontra taghhom u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tillib-erahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum kull wiehed.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**